**5 ta' April, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Aquilina

*versus*

Luigi Aquilina et.

**Ordinanza IV tal-1961 — Reguli ta' Interpretazzjoni —**

*Bl-Ordinanza VI tal-1961 ġie abolit l-irkupru legali u d-dritt tal-preferenza fl-enfetewsi. Drittijiet ta' preferenza oħra bħal dak fil-lokazzjoni, jew dak derivanti minn privileġġ (art 2103 Kod. Ċiv.) jew dak fid-diviżjoni (art. 540) u oħrajn bħal ma huma dawk ta' preferenza kontemplati minn disposizzjonijiet oħra tal-liġi, jew stipulati f'kuntratt, ma għandhomx jiġu kunsiderati milqutin mill-subartikolu (2) tal-art 13 ta' dik l-Ordinanza.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni ta' Giuseppe Aquilina kontra Luigi, Marianna u Dolores sive Teodora, aħwa Aquilina quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għal Għawdex u Kemmuna fejn l-attur wara li ppremetta illi b'kuntratt ta' diviżżjoni, fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tad-9 ta' Frar, 1938, ġie pattwit favur tiegħu, id-dritt li f'każ li l-konvenuti jiġu biex ibiegħu xi immobili li jifformaw parti mill-eredita tal-ġenituri tagħhom, Antonio u Maria konjuġi Aquilina, lil terzi, huwa (l-attur) ikollu l-fakolta li jixtri l-istess immobili bil-prezz li jiġi ffissat minn perit; u illi nono-

stanti l-imsemmija obbligazzjoni, l-konvenuti b'kuntratt tat-3 ta' Lulju, 1962, fl-att tan-Nutar John Busuttil biegħu u ttrasferew, għaf-favur John Portelli u Francesco Grech, biċċa raba' msejjħa "Tal-Qormija" fi trieq il-Qbajjar, f'Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, tal-kejl ta' ċirka tomna u nofs siegħ, soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlett xelini, bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha kompriż id-dritt li tinqeda mis-sinja li teżiżti fil-proprieta ta' Carmelo Attard u dana bil-prezz ta' elf u mitejn lira (£1200) liema biċċa raba kienet tifforma parti mill-wirt tal-imsemmija konjuġi Aquilina, ġenituri tal-kontendenti; u illi l-konvenuti, nonostante li ġew nterpellati biex jirrexindu l-imsemmi kuntratt u biex ibiegħu lill-attur l-istess fond bil-prezz li jiġi ffissat min perit u dan skond l-obbligazzjoni assunta minnhom fl-imsemmi kuntratt tad-9 ta' Frar, 1938, baqgħu ma ottemperawx ruħhom mal-istess interpellazzjoni; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab biex il-konvenuti (1) jiġu ddikjarati responsabbli għad-danni li huma kkaġunaw lill-attur u (2) biex tiġi ordnata l-likwidazzjoni tad-danni u jiġu l-istess konvenuti, konsegwentement, ikkundannati għal pagament tas-somma illi tiġi hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-8 ta' Awissu, 1962 u dik tas-26 ta' Settembru, 1962; il-konvenuti huma nġjunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz tagħha huma eċċepew li l-kawża hi bażata fuq dritt ta' preferenza: "shall be entitled to be preferred before any other person in the sale" — u din il-preferenza l-partijiet fil-kuntratt tad-9 ta' Frar, 1938, ftehmu li tiġi eżerċitata bi prezz fissat min perit; u li bis-section 13 (2) tal-Ordinanza IV tal-1961 "mill-ġurnata tas-sebħ ta' din l-Ordinanza ma jkunx jista' jiġi eżerċitat ebda dritt ta' preferenza, kemm jekk

maħluq bil-ħdim tal-liġi jew bi ftehim", u li għalhekk id-domandi *huma nfondati.*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-10 ta' Jannar, 1963, li biha ċaħdet it-talbiet ta' l-attur, spejjeż mingħajr taxxa bejn il-kontendenti, wara li kkunsidrat:—

Omissis. . . . . .

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi riformata billi tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talbiet tiegħu bl-ispejjeż min-għajr taxxa u minflok jiġu milqugħa dawk it-talbiet, il-kon-venuti jiġu dikjarati responsabbli tad-danni reklamati fl-ew-wel talba u kundannati jħallsu d-danni li jiġu likwidati skond it-tieni talba jew jingħataw il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha meħtieġa għall-finijiet ta' dik il-likwidazzjoni u kun-danna; u l-istess sentenza tiġi konfermata in kwantu kkun-dannat *lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tagħhom u b'dan il-*mod it-talbiet ta' l-attur jiġu milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appellati li qalu illi s-sentenza ap-pellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u *kkunsidrat:*—

Il-fatti huma kif esposti fis-sentenza appellata. Il-kwis-tjoni tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 13 (2) ta' l-Ordinanza Nru. IV ta' l-1961 relativament għall-patt sti-pulat bejn il-partijiet (u oħrajn) bil-kuntratt fl-atti tan-Nu-tar Francesco Refalo tad-9 ta' Frar, 1938. B'dan il-kuntratt kienu ġew maqsumin xi immobbli li kienu ġejjin mill-wirt

tal-ġenituri tal-kondividenti. Dawn ftehmu illi fil-każ illi xi immobbli appartenenti għal dak il-wirt jinbiegħu jew jiġu trasferiti lill-terzi persuni, qraba jew m'humiex, l-attur "shall be allowed and entitled to be preferred before any other person in the said sales (by) means of valuation to be set up by an Architect and Civil Engineer." Fit-3 ta' Lulju, 1962 il-konvenuti biegħu biċċa raba li qabel — kif ma ġie bl-ebda mod kontrastat — kienet tifforma parti mill-wirt fuq imsemmi u kienet ġiet assenjata lilhom bil-kuntratt atti Nutar Refalo fuq ċitat. Il-bejgħ sar bla ma l-attur ġie mogħti l-opportunita li jixtri huwa bi stima ta' perit kif kontemplat bl-imsemmi patt u l-konvenuti nterpellati mill-attur wara l-bejgħ biex jirrexindu dak il-bejgħ u jbigħu l-fond lill-attur bil-prezz ta' stima, ta' perit, ma ottemperawx ruħhom ma dik l-interpellazzjoni.

In vista ta' dan, l-attur, b'din il-kawża, qed jagixxi għad-danni.

L-ewwel Qorti ċaħdet it-talba ta' l-attur għaliex irriteniet illi l-patt fuq imsemmi "ma jammontax għal ħaġa oħra ħlief għal dritt ta' preferenza favur l-attur fil-każ ta' bejgħ" u dan id-dritt ta' preferenza" spiċċa meta daħlet in vigore l-Ordinanza IV ta' l-1961 fit-28 ta' Frar, 1961, ċioe aktar minn sena qabel sar it-trasferiment tat-3 ta' Lulju, 1962". Skond is-sentenza appellata dik il-liġi "riedet tabolixxi kwalunkwe dritt ta' preferenza, sija li ġej mil-liġi u sija minn ftehim, bla ma għamlet l-ebda distenzzjoni la fir-rigward ta' l-effetti li jista' jipproduċi xi dritt ta' preferenza li ġej minn ftehim u lanqas fir-rigward ta' xi kondizzjonijiet li jistgħu jikkwalifikaw xi ftehim li joħloq dritt ta' preferenza" u "fejn il-liġi ma tiddistingwiex ħadd ma jista jiddistingwi."

Ikkunsidrat fuq din il-kwistjoni:—

L-imsemmi subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza Nru IV ta' l-1961 jgħid hekk:—

> "It shall not be lawful, as from the date of commencement of this Ordinance, to exercise any right of preference, whether created by operation of law or by agreement, and any right of pre-emption under the sections of the principal law hereby amended or repealed."

It-teżi ta' l-attur hija illi d-drittijiet ta' preferenza li għalihom dik id-disposizzjoni tirriferixxi huma dawk biss li qabel kienu jappartjenu lid-direttarju jew ko-direttarju fil-każ ta' aljenazzjoni tad-dominju utili b'bejgħ, dazzjoni in solutum jew subenfitewsi, u lill-enfitewta jew ko-enfitewta fil-każ ta' aljenazzjoni tad-dritt dominju b'bejgħ jew dazzjoni in solutum. Speċi oħra ta' drittijiet ta' preferenza, diversi minn dawk kontemplati rigward enfitewsi, m'humiex, fis-sottomissjoni ta' l-attur, milqutin minn dik id-disposizzjoni.

Din il-Qorti taqbel ma din l-interpretazzjoni u r-raġunijiet huma dawn.

Dwar dak li kien l-Iskop u Oġġett Ġenerali ta' l-Ordinanza, ma jistax ċertament ikun hemm ebda dubbju. Dawn kienu li jiġi abolit l-irkupru legali u d-dritt ta' preferenza fl-enfitewsi. Infatti dik l-Ordinanza li tikkonsisti fi tlettax l-artikolu, tiddedika l-ewwel tnax minnhom appuntu għal daqshekk u dawk it-tnax l-artikolu, huma l-parti verament sostantiva ta' l-Ordinanza. Bihom ġew revokati d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Ċivili li kienu jikkontemplaw dak l-irkupru u dak id-dritt ta' preferenza u ġew revokati r-riferenzi kollha għalihom li kien hemm f'dispozizzjonijiet oħra tal-Kodiċi jew liġijiet oħrajn.

L-aħħar artikolu, ċioe l-artikolu 13 mhux ħlief dispożizzjoni transitorja jew aħjar ta' dritt transitorju li biha, bis-subartikolu (1) ġiet salvata impreġudikata l-validita u effikaċija ta' drittijiet ta' rkupru legali u preferenza ġa akkwistati u validament eżerċitati qabel ma bdiet isseħħ l-Ordinanza skond l-artikoli tal-Kodiċi revokati jew emendati biha, u, bis-subartikolu (2) ġie vietat l-eżerċizzju, mill-bidu tas-seħħ ta' l-Ordinanza, ta' drittijiet ta' preferenza u ta' rkupru legali taħt l-artikoli tal-Kodiċi ukoll revokati jew emendati bl-Ordinanza.

*Id-diffikolta f'din il-kawża* qamet għaliex, rigward id-drittijiet ta' preferenza jingħad, f'dak is-subartikolu (2) "whether created by operation of law or by agrement." Il-konvenuti jippretendu u l-ewwel Qorti rriteniet illi b'dak il-kliem ġie inibit l-eżerċizzju ta' kwalunkwe *dritt ta' preferenza* hu x'inhu, sew jekk tax-xorta ta' dawk id-drittijiet ta' *preferenza* fl-enfitewsi aboliti bl-artikoli ta' qabel ta' l-Ordinanza kemm ta' kull xorta oħra, u sew jekk *derivanti mill-*liġi kemm jekk minn ftehim. B'dan il-mod kull fejn fil-liġi, hemm imsemmi dritt ta' preferenza u kull fejn f'kuntratt hemm miftihem dritt ta' preferenza, hi x'inhi x-xorta tiegħu, dawk id-drittijiet għandhom issa jitqiesu mhux aktar eżerċibbli. Bażi ta' din l-interpretazzjoni hi l-assunzzjoni illi l-kliem ta' l-Ordinanza hu ċar u ġeneriku u kwindi m'hemm lok għal ebda distinzzjoni.

Din il-Qorti jidhrilha illi din it-teżi hi fondata fuq konċett sempliċement mekkaniku u wisq parzzjali u nkomplet *tar-regoli* u tal-funzzjoni ta' l-interpretazzjoni ġudizzjarja. *Il-massima illi meta l-kliem tal-liġi* hu ċar m'hemmx lok ta' interpretazzjoni tiegħu ċertament ma tfisserx illi kelma jew frażi ta' liġi tista' tiġi meħuda waħidha bla riferenza għall-kontest u għall-iskop u oġġett manifest tal-liġi kollha. Biex

jista' jiftiehem is-sens veru tal-kliem ta' disposizzjoni singola ta' liġi, li fuqha tkun il-kwistjoni, jeħtieġ illi dik id-dispożizzjoni tiġi mħarsa fil-kwadru tal-liġi kollha in bażi għall-prinċipju magħruf illi "incivile est nisi tota lege perspecta, una ali qua particula eius proposita judicare vel respondere." Kif intqal fi bran ċitat fis-sentenza "Fava vs. Nutar Vella" Kollez. Vol. XXIX, II, 331: 'notwithstanding that each section of a statute is to be regarded as a substantive enactment, the statute must be read as a whole".

Issa, rigwardat il-kliem tas-subartikolu in kwistjoni fid-dawl tal-Ordinanza kollha, ma jistax fil-fehma tal-Qorti ikun hemm dubbju illi s-sens tiegħu veru hu dak li jattribwilu l-attur.

Ġa ntqal illi l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza mhux ħlief dispożizzjoni ta' dritt transitorju. Wieħed għalhekk jitlaq mill-presuppost naturali illi biha l-leġislatur ma ntendiex ħlief li jirregola d-diffikoltajiet li setgħu jinqalgħu mill-passaġġ tal-liġi kif kienet qabel għal-liġi kif saret minħabba l-emendi magħmula bid-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Ordinanza. Dan hu punto di partenza perfettament leġittimu għaliex dik hija l-funzzjoni normali ta' dispożizzjoni transitorja, ċioe li tissistema l-konflitti li jistgħu jnqalgħu mit-tibdil magħmul fil-passaġġ mil-liġi l-antika għall-liġi l-ġdida, u mhux li hi stess (ċioe d-dispożizzjoni transitorja) tagħmel emendi jew tibdil ta' sostanza ġdida fil-liġi l-qadima. Għalhekk wieħed għandu raġonevolment jaħseb illi d-dispożizzjoni in kwistjoni f'din il-kawża tirriferixxi u tirriferixxi biss għal dawk id-drittijiet ta' rkupru u preferenza li rigward tagħhom l-artikoli ta' qabel ta' l-Ordinanza ġiebu tibdil fl-istat tal-liġi.

Kwantu għas-subartikolu (1) ta' l-art. 13, ma hemm ebda kwistjoni. "Nothing herein contained" (ċioe fl-artikolu

preċedenti ta' l-Ordinanza) — jgħid dan is-subartikolu — "Shall affect the validity of any right of pre-emption or preference lawfully acquired and validly exercised before the date of commencement of this Ordinance **under the sections of the principal law hereby emanded or repealed** or any right, obbligation or liability arising according to law out of the lawful exercise of any **such** right of pre-emption, or preference, and **the sections hereby amended or repealed** shall continue to apply to any **such** rights, obbligations, or liabilities."

Is-subartikolu (2) jikkompleta l-ewwel wieħed. In-ness bejniethom hu dan; fejn, qabel ma' l-Ordinanza daħħlet fis-seħħ, id-dritt ta' rkupru jew preferenza li kien jispetta **skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi li ġew revokati jew emendati bl-Ordinanza,** laħaq mhux biss ġie **akkwistat** (għax kienet ġa saret l-aljenazzjoni li kienet tati lok għalih) iżda ġie ukoll **eżerċitat** (bil-preżentazzjoni taċ-ċedola jew ta' l-ittra uffiċċjali aċċettatorja, skond il-każ) allura, **dak** id-dritt, bis-saħħa tas-subartikolu (1), ġie miżmum bla mittiefes nonostanti l-abolizzjoni bil-liġi l-ġdida. B'din id-dispożizzjoni biss, però, kien jista' jibqa' d-dubju x'jiġri dwar drittijiet ta' rkupru legali u preferenza li, dak inhar li bdiet l-Ordinanza, **kienu għad ma ġewx effettivament eżerċitati.** Għalhekk saret id-dispożizzjoni tas-subartikolu (2) li biha l-leġislatur adotta s-soluzzjoni illi drittijiet **simili** li ma kienux laħqu ġew effettivament eżerċitati ma setgħux iżjed jiġu eżerċitati. Ir-riferenza li hemm f'dan is-subartikolu (2) mhiex, u fil-fehma tal-Qorti ma' tistax loġikament u legalment tkun, ħlief għall-istess drittijiet ta' rkupru u preferenza li kienu jifformaw l-oġġett tad-dispożizzjonijiet l-oħra **kollha** ta' l-istess Ordinanza. Anki f'dan is-subartikolu l-kliem li hemm fl-aħħar ċioe "under the sections of the principal law hereby amended or repealed" għandhom neċessarjament jirrife-

rixxu mhux biss għal 'any right of pre-emption" li magħhom jidhru immedjatament konġunti, iżda anki għall-"any right of preference' imsemmi qabel.

Ir-raġuni li għaliha, rigward il-kliem "any right of preference", inħasset in-neċċessita jew l-ispedjenza li jingħad il-kliem "whether created by operation of law or by agreement" hi, fil-fehma tal-Qorti, spjegabbli faċilment. (Tra parentesi l-Qorti tosserva illi dan il-kliem ta' l-aħħar ma kienx jinsab fl-abbozz jew Draft ta' l-Ordinanza li kien ġie ppubblikat fis-Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Jannar, 1961. Anki għal dir-raġuni biss il-Qorti ma tistax tagħti ebda importanza, bħala sussidju għall-interpretazzjoni ta' dak il-kliem, lill-"Objects and Reasons" stampati ma dak l-Abbozz li dwarhom iduskutew ħafna l-partijiet tant fl-iskrittura kemm fit-trattazzjoni orali. Dak il-kliem ġie miżjud meta l-Ordinanza ġiet attwalment promulgata).

Ir-raġuni ovvja tiegħu toħroġ appuntu mill-istess artikoli tal-Kodiċi li ġew abrogati jew emndati. Fil-waqt illi d-dritt ta' rkupru legali kien jidderiva biss direttament mil-liġi (art. 1491), id-dritt ta' preferenza spettanti skond l-artikoli 1595, 1596 u 1597, li ġew abrogati, sata jidderiva tant minn dawk l-artikoli kemm minn ftehim fil-kuntratt ta' l-enfitewsi. L-esistenza ta' dak l-istess dritt ta' preferenza meta hekk miftiehem f'kuntratt kienet rikonoxxuta u espressament regolata fl-artikoli 1600 u 1601 issa abrogati li kienu t-tnejn jirriferixxu preċiżament għad-dritt ta' preferenza riżervat "in the empheteutical grant" jew "emphytentical contract." Referenza għall-istess dritt ta' preferenza spettanti lid-direttarju "either by agreement or in virtue of the provisions of section 1595" kienet ukoll magħmula fl-art 1591 tal-Kodiċi li, similment, bl-Ordinanza ġie emendat

Minn dana jidher assolutament ċar illi d-dritt ta' preferenza prospettat bħala derivanti minn ftehim f'dawn id-dispożizzjonijiet hu **dak l-istess dritt ta' preferenza konness ma l-enfitewsi li kien kontemplat mill-artikoli fuq ċitati tad-Kodiċi.**

Biex allura ma jkunx hemm ebda dubju illi l-projbizzjoni ta' l-eżerċizzju tad-dritt tal-preferenza li l-Ordinanza kienet qiegħda tabolixxi kienet, fi-subartikolu (2), tapplika għal **dak** id-dritt **tant** jekk emanat mil-liġi **kemm** jekk riservat fil-kuntratt, il-leġislatur ħass il-ħtieġa li jżied il-kliem in kwistjoni. Jekk tassew kienx hemm proprju dan il-ħtieġa m'hix ħaġa li l-Qorti għandha bżonn tippronunzzja ruħha fuqha. L-importanti hi illi fil-fehma tal-Qorti ma' jistax ikun hemm ebda dubbju illi ż-żewġ ipotesijiet ta' dritt ta' preferenza imsemmija fis-subartikolu ċioe "created by operation of law" u "(created) by agreement", jirriferixxu għall-istess identiċi drittijiet ta' preferenza ċioe **dawk li qabel kienu jispettaw lid-direttarju u lill-enfitenta rispettivament fl-enfitewsi.** Trattandosi ta' dritt ta' l-istess identika essenza u natura l-leġislatur ried jagħmilha ċara illi l-projbizzjoni ta' l-eżerċizzju tiegħu kollha tgħodd anki jekk, f'lok taċitament mil-liġi, **dak** id-dritt kien derivanti espressament mill-fehim.

Sa kemm bis-subarikolu (1) ta' l-art. 13 kienu qed jiġu salvati **impreġudikati** drittijiet ta' preferenza ġa validament eżerċitati ma nħass ebda bżonn li tissemma dik il-kjarifikazzjoni għaliex evidentement l-intepretazzjoni kellha neċessarjament tkun "in bonam partem" in bażi għad-dottrina tad-drittijiet kompletament kweżiti. Drittijiet ta' preferenza ġa **eżerċitati** ma setgħu jagħtu lok għal ebda dubbju. Iżda trattandosi ta' esklużżjoni ta drittijiet **għad mhux eżerċitati,** il-leġislatur ried ineħħi kull dubbju li sata, talvolta, altrimenti iqum minħabba interpretazzjoni eventwalment restrittiva tad-dispożizzjoni.

Kien ikun sommament stran u anormali kieku kienet sewwa t-teżi tal-konvenuti illi, b'dispożizzjoni transitorja, l-Ordinanza ntroduċiet kambjamenti radikali u estiżi fis-sistema tal-liġi estraneji għall-kollox għal dak li kien l-iskop u l-oġġett ġenerali tagħha. Anki kieku kien hemm biss dubbju fl-interpretazzjoni kien ikun jgħodd il-prinċipju ndubitat illi "general words and phrases, however wide and comprehensive they may be in their literal sense, must usually be constituted as being limited to the actual objects of the Act." (Maxwell "The Interpretation of Statutes" 10th Ed. p. 82) u l-prinċipju l-ieħor "that the legislature does not intend to make any substantial alteration in the law beyond what it explicitly declares, whether in express terms or by clear implication, or, in other words, beyond the immediate scope and object of the statute. In all general matters, outside those limits the law remains undisturbed" (ibidem p. 81 —82). Għalhekk, kif sewwa jgħid l-attur fil-petizzjoni tiegħu, drittijiet ta' preferenza oħra, bħal dak fil-lokazzjoni, jew dak derivanti minn privileġi, (art. 2103 tal-Kodiċi Ċivili) jew dak fid-diviżżjoni (art. 540) u oħrajn, bħal ma huma dawk ta' preferenza kontemplati minn dispożizzjonijiet oħra tal-liġi jew stipulati f'kuntratti ħlief dawk ta' l-enfitewsi abolita bl-Ordinanza, ma għandhomx jiġu kunsidrati milqutin mill-imsemmi subartikolu (2) ta' l-art. 13 ta' dik l-Ordinanza.

Issa dritt ta' preferenza jew azzjoni li jifforma l-oġġett ta' din il-kawża hu manifestament differenti minn dawk li għalihom dik l-Ordinanza tirriferixxi. Il-kuntratt ma kienx kuntratt ta' enfitewsi u d-dritt ma ġiex riżervat lill-attur qua direttarju jew qua utilista in konnessjoni ma enfitewsi. Dak il-patt mhux ħlief ozzjoni li l-attur kellu jkollu fil-każ li l-kondividenti l-oħra jiġu biex jittrasferixxu l-fondi li kienu qasmu. Għalhekk għal dak il-patt l-Ordinanza IV ta' l-1961 ma għandha ebda applikazzjoni.

Il-kwistjoni jekk l-attur sofriex effettivament danni mill-ksur ta' dak il-patt da parti tal-konvenut u, fil-każ li sofra, x'inhuma dawk id-danni, jixraq, anki biex ikun hemm il-benefiċċju tad-doppju eżami, li tiġi eżaminata mill-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta' l-attur, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu *rriteniet illi d-dritt ta' preferenza ta' l-attur spiċċa meta daħ*-let in vigore l-imsemmija Ordinanza u għalhekk biss ċaħdet it-talbiet ta' l-attur u tiddeċiedi minflok illi dak id-dritt ma spiċċax għal dik ir-raġuni u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Qorti għall-eżami u deċiżżjoni tat-talbiet ta' l-attur skond il-liġi.

L-ispejjeż ta' prim'istanza jibqgħu kif ordnati mill-ewwel Qorti: dawk ta' l-appell iħallsuhom il-konvenuti.